ID-DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU,
TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA U IMPJEGABILITÀ
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

Rotta 1

**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Medji 2024**

**IT-TMIEN SENA IL-MALTI (Il-Fehim mis-Smigħ) IL-ĦIN: 15-il minuta**

## Il-Karta tal-Għalliema

**(din il-karta m'għandha qatt tingħata lill-istudenti)**

**Gwida għat-Tmexxija tal-Eżami tal-Fehim mis-Smigħ f'każ li jintuża dan l-iskritt**

1. L-għalliema li se jmexxu l-eżami tas-smigħ jgħidu lill-istudenti: ***"Il-ħin għall-eżami tal-kitba għadda. Ser ngħaddu issa għall-eżami tal-fehim mis-smigħ. Jekk jogħġobkom sibu paġna 11 tal-karta tal-eżami."***

2. Meta l-għalliema jaraw li l-istudenti kollha sabu l-paġna mitluba, jgħidulhom: ***"Għandkom ftit ħin biex taraw l-eżerċizzji kollha li tridu taħdmu."***

3. Wara *2 minuti* l-għalliema jgħidu lill-istudenti: ***"Issa se tisimgħu l-ewwel parti tas-silta għall-ewwel darba. Waqt li qed tisimgħuha tistgħu twieġbu Taħriġ A u tieħdu xi noti li jistgħu jgħinukom."*** L-għalliema jaqraw is-silta b'ritmu meqjus.

4. Wara li tinqara s-silta, l-għalliema jgħidu lill-istudenti: ***"Issa għandkom ftit ħin biex taħdmu Taħriġ A."***

5. Wara *2 minuti* l-għalliema jgħidu lill-istudenti: ***"Issa se terġgħu tisimgħu l-ewwel parti tas-silta. Waqt li qed tisimgħuha tistgħu tkomplu twieġbu l-mistoqsijiet."*** L-għalliema jaqraw is-silta b'ritmu meqjus.

6. Kif l-għalliema jtemmu l-qari jgħidu lill-istudenti: ***"Issa għandkom ftit ħin biex taħdmu l-eżerċizzji skont is-silta li smajtu."***

7. Wara *2 minuti* l-għalliema jgħidu lill-istudenti: ***"Issa se tisimgħu t-tieni parti tas-silta għall-ewwel darba. Waqt li qed tisimgħuha tistgħu twieġbu l-mistoqsijiet ta' Taħriġ B u tieħdu xi noti li jistgħu jgħinukom."***

8. Wara li tinqara s-silta, l-għalliema jgħidu lill-istudenti: ***"Issa għandkom ftit ħin biex taħdmu Taħriġ B."***

9. Wara *2 minuti* l-għalliema jgħidu lill-istudenti: ***"Issa se terġgħu tisimgħu t-tieni parti tas-silta. Waqt li qed tisimgħuha tistgħu tkomplu twieġbu l-mistoqsijiet."*** L-għalliema jaqraw is-silta b'ritmu meqjus.

10. Kif l-għalliema jtemmu l-qari tas-silta jagħtu *2 minuti* lill-istudenti biex jaħdmu t-taħriġ u kif jgħaddi l-ħin jgħidu: ***"Issa baqgħalkom ftit ħin biex tlestu u tirrevedu l-eżerċizzji kollha tal-eżami tal-fehim mis-smigħ. Grazzi."***

**Is-Silta għall-Fehim mis-Smigħ: Riskju li Jinqered in-Naħal**

**L-Ewwel Parti:**

L-importanza tan-naħal għall-ekosistema u l-produzzjoni tal-ikel fid-dinja ġiet rikonoxxuta min-Nazzjonijiet Magħquda meta ddikkjarat l-20 ta' Mejju bħala l-Jum Dinji tan-Naħal. Dan sar biex titqajjem kuxjenza fuq l-importanza ta' din l-ispeċi fost bosta biżgħat madwar id-dinja li n-naħal qiegħed bil-mod il-mod jinqered. Dan it-tħassib jinsab ukoll hawn Malta fost dawk il-ftit li jrabbu n-naħal.

F'Malta għandna speċi ta' naħla tal-għasel li tinsab f'Malta biss u dan il-fatt jagħmilha endemika għal dawn il-ġżejjer. Minkejja dan, tajjeb li wieħed jgħid li n-naħla ma tipproduċix biss l-għasel. L-importanza tan-naħal hija aktar minn hekk għax hija ħolqa importanti fl-ekosistema u fil-produzzjoni ta' ħafna mill-ikel. Adrian Bugeja Douglas, mill-assoċjazzjoni Maltija ta' dawk li jrabbu n-naħal, jgħid li 33% tal-ikel li nieklu ġej b'mod dirett jew indirett min-naħal u jekk ser nitilfu n-naħal, dan l-ikel nitilfuh ukoll.

÷÷÷÷÷÷÷÷÷÷÷÷÷÷÷÷÷÷÷÷÷÷÷÷÷÷÷÷÷÷÷÷÷÷÷÷÷÷÷÷

**It-Tieni Parti:**

F'Malta hawn mal-200 persuna li huma reġistrati li jrabbu n-naħal. Victor Busuttil huwa wieħed minnhom u jinkwetah il-fatt li r-razza tan-naħla Maltija hija mhedda min-naħal impurtat u jibża' li din ser tintilef. Iżjed minn hekk, hu jemmen li n-naħal huwa mhedded minn żewġ fatturi oħra: il-bexx u l-għasfur li jpassi li, ismu miegħu - Qerd in-Naħal - jattakka n-naħal bil-gzuz. Busuttil kompla jisħaq dwar l-importanza tal-ħarsien tan-naħla Maltija peress li tkompli tgħin lill-bijodiversità lokali.

Mario Sant, veteran fejn tidħol it-trobbija tan-naħal, jinnota evoluzzjoni sħiħa f'dan ir-rigward. Hu jgħid li fl-antik kienet tintuża l-qolla imma llum tintuża l-kaxxa tan-naħal. Din tiftaħha b'iktar kumdità u tkun tista' ttella' tilar tilar biex tiġbor l-għasel. B'hekk tkun tista' tikkontrolla aħjar il-mard, tosserva fejn tkun ir-reġina u tiċċekkja jekk tkunx qiegħda tbid.

F'Malta hawn madwar 4,000 kolonja tan-naħal b'kull waħda fiha bejn 30,000 u 80,000 naħla.

Fil-Jum Dinji tan-Naħal tas-sena l-oħra, il-Fondazzjoni għall-Konservazzjoni tan-Naħla Maltija talbet formalment lill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi sabiex in-Naħla Maltija tal-għasel tiġi ddikkjarata bħala L-Insett Nazzjonali.

(silta addattata u meħuda mis-sit https://tvmnews.mt/news/riskju-li-jinqered-in-nahal-33-tal-ikel-li-nieklu-gej-min-nahal/)

## TMIEM IL-KARTA